**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 3 ta' Marzu 2023**

**Mandat Numru : 15/2023/2 JPG**

**SV**

**Vs**

**KM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SV datat 17 Jannar 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*ILLI l-partijiet ma humiex mizzewwga u ghandhom tifla wahda DV (ritratt anness u mmarkat Dokument A) li twieldet f'X kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument B;*

*Illi pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hemm kawza bl-ismijiet KM vs SV (Rikors Guramentat Numru 105/2022AV);*

*Illi ghal dawn l-ahhar xhur l-esponenti qed jigi mcahhad mill-intimata milli jara lil minuri bintu u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;*

*Illi l-intimata ghandha pendente lite il-kura u kustodja tal-minuri u inghatat ukoll il-fakolta' li tapplika wehedha ghall-passaport tal-minuri kif jirrizulta mill-verbal anness u mmarkat Dokument C;*

*Illi l-intimata ghandha familja li tirrisjedi barra minn Malta u qed tghid lir-rikorrent li ma huwiex ser jara iktar lil bintu;*

*Illi l-esponent ghandu biza legittima li r-rikorrenti titlaq barra minn Malta flimkien mal-minuri;*

*Ghaldaqstant,l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onrabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata fejn hija tigi inibita milli tiehu lil DV barra mill-Gzejjer Maltin jew tippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmi minuri barra minn Malta;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KM datata 8 ta' Frar 2023, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti tikkonferma li hemm proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rik Gur Nru 105/2022AGV) kif diversament ippresjeduta li fihom ir-rikorrent kien kontumaci, u s-sentenza ser tinghata nhar il-15 ta' Frar 2023, kif ukoll, id-digriet pendente lite li kien inghata mill-istess Onorabbli Qorti fis-seduta tat-13 t'Ottubru 2022, wara li ma kienux gew onorati l-kundizzjonijiet f'digrieti precedenti mill-istess rikorrent li ma hallasx il-manteniment ordnat kif ukoll ma tax il-kunsens/il-firma tieghu f'okkazjonijiet importanti bhal katekesi li wasslu lill-minuri biex taghmel l-Ewwel Tqarbina u meta tah, kien b'inkejja kbira.*

*Illi din l-Onorabbli Qorti kienet gustifikata li pendente lite vestiet lill-Esponenti bil-kura u l-kustodja peress li r-rikorrenti ma tax kaz ta' bintu u ghalih l-interess taghha ma kienx jigi l-ewwel. Huwa beda jhallas il-manteniment b'inkejja wara kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Kriminali li kien kiser l-ordni tal-Qorti li jhallas il-manteniment dovut.*

*Illi l-esponenti tiehu hsieb il-bintha kompletament tant illi ddedikat hajjitha ghaliha biex tkun bhal tfal ohra tant li l-minuri ghandha hajja stabbilita b'residenza ma' ommha f'Malta u tmur l-iskola lokali.*

*Illi assolutament m'huwiex minnu dak li allega r-rikorrenti li l-Esponenti sejra titlaq minn Malta u tmur tghix ma' familtha barra minn Malta u dan ghax il-familja taghha (ommha, missierha u hutha) hija residenti Malta u m'ghandhiex l-icken hsieb li temigra ghax il-membri kollha tal-istess familja huma stabbiliti sew Malta bhala cittadini Maltin, u r-rikorrenti jafu dan kollu.*

*Illi l-esponenti m'ghandhiex il-hsieb u lanqas il-mezzi biex titlaq minn Malta bit-tifla, u tant hu hekk li minkejja li din l-Onorabbli Qorti awtorizzata li tista' wahidha tapplika ghall-hrug ta' passaport, sal-lum ghadha m'applikat ghall-passaport tat-tifla jew xi ghamla ta' travel document li jippermettilha li tohrog minn Malta.*

*Illi, ghalhekk, it-tifla minuri DV la ghandha passaport jew travel documents ohra u lanqas karta tal-identita' skont il-Ligi, u ghalhekk, bir-rispett kollu l-esponenti ma tistax tiddepozita tali dokumenti ghax ma'ghandhiex.*

*Illi, ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra din it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhala frivola u vessatorja stante li l-mandat intalab biss fuq il-bazi ta' gidba u xejn aktar b'intenzjoni malizzjuza li johloq skumditajiet u diffikultajiet lill-esponenti minflok ippartecipa u wiegeb fl-interess ewlieni tat-tifla minuri waqt il-proceduri ta' medjazzjoni u l-kawza li fiha ser tinghata s-sentenza l-gimgha d-diehla.*

*Ghalhekk, in vista tas-suesport u ghal ragunijiet ohra li ser jigu msemmija waqt it-trattazzjoni fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023, it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandha tigi michuda kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li dan il-mandat inhareg malizzjozament, u huwa frivolu u vessatorju u tiffissa u tordna l-hlas tal-penali kontra r-rikorrenti SV favur l-esponenti KM ai termini tal-Artikolu 836 (8) (d) tal-Kap 12, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**SV xehed nhar it-13 ta' Frar 2023,** illi l-kontendenti kienu ilhom f'relazzjoni mal- ghal madwar tmien snin, mill-liema relazzjoni twieldet tifla, DV nhar X minkejja li l-attur ma setghax jiftakar id-data tat-twelid taghha. Illum il-gurnata il-minuri ghandha 7 snin. Sostna illi din ir-relazzjoni ghal bidu kienet tajba ferm izda maz-zmien bdew xi problemi bejniethom. Xehed illi l-intimata kellha anke problemi mal-familjari taghha stess, sahansitra ma kienitx tghix ma ommha izda kienet tghix man-nanna taghha. Irrakkonta episodju li kien sehh quddiemu meta l-intimata kellha 7 xhur tqala, wara l-vista li kellhom St James, l-intimata kellha argument ma ommha u ohtha, li wassal sabiex omm u oht l-intimata agredewha. Xehed illi hassu mwegga ferm meta omm l-intimata sahansitra sehtet lit-tarbija f'guf ommha. Sostna illi l-partijiet ghamlu zmien ghal madwar tliet snin jghixu f'appartament bil-kerha gewwa Haz-Zabbar, vicin il-familja taghha, izda l-intimata ma kienitx kuntenta u marru jghixu gewwa Birkirkara, konsegwentement x-xhud kien tilef id-depositu li kien hallas ghal-appartament ta' Haz-Zabbar. Jghid illi meta marru jghixu Birkirkara, l-intimata kienet saret aggressiva u anke gieli kienet twaddab u tkisser xi affarijiet. Jixhed illi l-intimata ghamlet perjodu tiehu xi medicina illi kien ordnalha l-Psikjatra, St James, izda kienet waqfet tiehu l-medicina minn rajha. Jsostni illi beda jara affarijiet mhux normali fl-intimata il-ghaliex kienet tqum twaddab l-affarijiet fit-tlieta ta' filghodu fil-presenza ta bintu. Ilmenta wkoll illi l-intimata waqqfet r-relazzjonijiet intimi bejniethom. Xehed illi hu u t-tifla kienu close hafna u li ta spiss kienet torqod mieghu t-tifla. Irritiena illi kien jahdem mat-Trasport Malta. Ilmenta illi l-intimata gieli anke sawtet lit-tifla minghajr raguni kif ukoll kienet vjolenti fil-konfront tieghu. Mitlub jghid ir-ragun il-ghaliex qed jibza illi l-intimata ser titlaq minn Malta bit-tifla, baqa' jikkonferma li ghandu biza kbira. Mistoqsi ir-raguni ghal-biza' tieghu, jiddikjara li l-intimata ma kienitx qed taghtih access u ma thallix lit-tifla tattendi ghal-parties tal-familja tieghu, jikkonferma illi ilu ma jara lit-tifla mis-sajf. Ikkonferma illi bintu qaltlu li xtaqet tmur Disney Land. Di piu' l-intimat jikkonferma li huwa jhallas il-manteniment u li sahansitra anke l-genituri tieghu ilhom ma jaraw lil DV ghal zmien konsiderevoli. L-attur ikkonferma illi l-intimata ghandha zija li tghix l-Ingilterra li ma setax jiftakar isimha u qed jibza li l-intimata ser temigra lejn l-Ingilterra. Mitlub jghid kemm-il darba l-intimata taghtux raguni ghaliex mhux qed takkorda l-access, l-attur jghid illi l-intimata tghajjru li ghandu l-vizzji. Mitlub jghid x'irbit ghandha l-intimata ma' Malta, xehed illi l-intimata ma ghandhiex impjieg izda jafferma li t-tifla tattendi skola ta' Bormla, Malta. Mitlub jghix kemm-il darba l-minuri ghandhiex passaport, l-attur jirrispondi illi l-intimata qatt ma urietu xejn u baqa' jishaq illi l-intimata ma ghandha xejn x'jorbotha ma' Malta.

**KM xehdet nhar it-13 ta' Frar 2023** u kkonfermat illi l-attur ilu ma jara lil bintu mis-Sajf b'ghazla tieghu u dana minkejja li hija ccempillu regolarment u l-attur dejjem jkollu l-mobile mitfi. Illi di piu', lanqas ommu ma tirrispondi ghat-telefonati taghha. Filfatt hija kostretta ccempillu fuq *private number* biex l-attur jirrispondi u meta jkellem lit-tifla juza t-telefonata biex jghajjarha (lil KM). L-intimata kkonfermat li l-attur ghandu vizzju ta' dipendenza fuq d-drogi. Bhala rizultat ta' dan il-vizzju l-intimat mhux persuna affidabbli u kemm-il darba kien icempel lilha fil-hamsa ta filghodu. L-intimata kkonfermat li hija tghix ma nannitha, vicin hafna tad-dar tal-genituri taghha u faccata taghha toqghod ukoll ohtha. Huwa u z-ziju taghha joqghodu kantuniera 'l boghod. L-intimata ssostni illi hija ghadha kemm saret taf li ghandha zija tghix barra minn Malta u ma ghandha ebda kuntatt maghha. Di piu' l-intimata lanqas biss ghandha passaport u ma ghandha ebda hsieb li titlaq minn Malta. Tilmenta li l-attur lanqas biss kien jiffirma applikazzjonijiet necessarji tal-iskola tat-tifla u lanqas tal-pracett tat-tifla ahseb u ara kemm ser jiffirma tal-passaport. L-intimata kkonfermat li r-rikorrenti hallas l-manteniment dovut ghall-bintha, biss wara l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

**Ikonsidrat:**

Skont l-ewwel u t-tieni sub-inciz tal-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> **"*(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.*"**

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward tal-Mandat ghal Inbizzjoni tal-partenza ta' minuri, jghoddu ir-regoli u principji generali stabbilit ghall-mandati ta' inibizzjoni generali.

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-mandat t'inibizzjoni ta' partenza ta' minuri, ir-rikorrenti ghalhekk jehtieglu jissodisfa zewg elementi:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet

Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993 -** Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[1]

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tipprecisa illi fid-digriet ta din il-Qorti ppreseduta mill-Onor Imhallef Antonio Vella datat 13 ta' Ottubru 2022, jirrizulta li dik l-Qorti akkordat il-kura u kustodja esklussiva lil-intimata u dan in vista tal-kontumacja tal-intimat fil-proceduri litiguzi bejn il-kontendenti. Infatti l-intimata giet awtorizzata ***"tiffirma kull applikazzjoni ghall-minuri mal-Awtoritajiet Lokali,***

[1] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

***inkluz dawk tal-edukazzjoni, ta' sahha, u tal-passaport, minghajr il-htiega tal-firma ta' SV."***

Rigward il-fattispecie tat-talba odjerna ghall-Hrug tal-Mandat, il-Qorti rat illi fix-xhieda tieghu, l-attur ma rnexxielux jipprova sal-grad mehtieg fil-kamp civili, illi hemm xi biza' reali li l-intimata ser tahrab minn Malta bit-tifla. Dan qieghed jinghad il-ghaliex l-intimata tghix ma nannitha u tinsab cirkundata bir-residenzi tal-membri tal-familja taghha inkluz tal-genituri taghha, ir-residenza ta ohtha, ir-residenzi ta huwa u ta zijuha. M'hijux verosimili li l-attrici li hija Maltija u ma hijiex impjegata u tiehu hsieb tifla ta 7 snin, ser temigra u tghix minghajr ebda sapport tal-familja taghha. Dwar iz-zija li tghix l-Ingilterra, l-intimata qatt ma kkommunikat maghha. Di piu' la l-intimata, wisq anqas it-tifla minuri DV ma ghandhom passaport.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attur ma rnexxilux jipprova r-rekwiziti necessarji sabiex din il-Qorti tordna l-Hrug tal-Mandat mitlub. Infatti mix-xhieda tal-istess attur ir-rekwiziti ghall-Hrug tal-Mandat ma jikkonkorrux. Di piu', minkejja li l-attur jaghmel referenza ghall-provi 'li kellu', din il-Qorti rat illi dawn il-provi fir-realta ma gewx prodotti.

Din il-Qorti dejjem irriteniet illi l-Mandat t'Impediment ta' partenza ta' minuri huwa mizura straordinarja li ghandha tintuza fl-ahjar interess tal-minuri, u mhux sabiex genitur ikun jista' jzomm li genitur l-iehor ostagg. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi 'l-biza'' tal-attur hija wahda bla bazi u ghal kollox inezistenti.

**Il-Qorti ghalhekk tqis illi r-rekwiziti ndikati mill-ligi ghall-hrug ta' Mandat t'Impediment ta' Partenza ta' minuri ma gewx sodisfatti mir-rikorrenti u ghalhekk tichad it-talba tal-attur.**

**Bl-ispejjes kontra l-attur.**

**Moghti kameralment.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**